**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

## Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 25 (emendati 25.8.9)

**Ħin:** 17:30
**Post:** L-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**25.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

25.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Michael Fenech Adami.

25.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoliġija preżentati

**25.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 24**

25.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.24.

25.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.24.

**25.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 24**

| | |
|---|---|
| **25.3.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tħejji d-dokument biex toħroġ l-offerta. |
| **25.3.2 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tkompli bl-arranġamenti neċessarji wara li jitlesta x-xogħol intensiv li kien hemm bżonn isir biex titfassal il-viżjoni tal-AKL u x-xogħol ta' re-branding li kellu jsir. |
| **25.3.3 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki** | Il-President semma li l-Gvern ser ikun qed jikkumissjona studju biex anki jkun hemm gwida biex ikun jista' tinħareġ is-sejħa tal-ġbir u l-immaniġjar ta' l-iskart fuq bażi reġjonali. |
| **25.3.4 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali** | Il-President semma li d-data tas-sottomissjonijiet tgħalaq fl-aħħar t' Ottubru, minkejja dan għadhom daħlu ftit wisq applikazzjonijiet. |
| **25.3.5 Kors għall-Kunsilliera f' Settembru** | Il-President semma li madwar 160 Kunsillier attenda għat-taħriġ li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali organizzat b' kollaborazzjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju tal-Verifika. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**25.3.6 Team Building – iPad Challenge**

Il-President semma daħlu madwar 150 reġistrant biex jipparteċipaw fl-attivita' ta' team building. Il-President semma li l-parte`ipanti ser ikunu qed jiltaqgħu quddiem il-Kunsill Lokali tal-Floriana.

**25.3.7 Proġett ADMin4ALL**

Il-President semma li IOM ser ikunu qed tistieden rappreżentant tal-Assoċjazzjoni flimkien ma' żewġ rappreżentanti oħra tal-Kunsilli Lokali sabiex jitilgħu Milan għal Mid-Term Consultation. Il-President semma li s-Segretarja tal-Assoċjazzjoni flimkien mas-Sur Michael Fenech Adami rappreżentant f' isem ir-Reġjun Ċentru kif ukoll is-Sur Stephen Gatt mill-Kunsill Lokali Balzan ser ikunu qed jitilgħu għal din il-konferenza.

**25.3.8 Skemi maħruġa mid-Diviżjoni**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali applikat għal diversi skemi hekk kif kienu maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-President semma li kkontesta deċiżjoni li ħa d-Direttorat peress li l-Assoċjazzjoni ġiet skwalifikata mill-iskema ta' finanzjament tal-Clean Up bħala inizjattiva tal-National Clean Up Day peress li l-AKL ma kinitx eliġibbli. Dan għaliex skond id-Diviżjoni, l-iskema kienet miftuħa għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali biss. Il-President semma li kien ser jappella mid-deċiżjoni.

**25.4 Allokazzjoni Finanzjarja AKL**

25.4.1 Il-President semma li sabiex tkun tista' tiġi mħaddma is-sistema tal-Online Permiting System, l-Assoċjazzjoni ser ikollha bżonn timpjega ħames ħaddiema li jkunu l-amministraturi tas-sistema.

25.4.2 Il-President semma li anki kif spjegat fl-laqgħat preċidenti kien hemm qbil li dawn il-ħaddiema ikunu qed jaħdmu minn post wieħed sabiex wieħed ikun jista' jikkordina aħjar u jqassam tajjeb ix-xogħol ta' bejniethom. Dawn ser ikunu qed jirrappreżentaw il-ħames Kunsilli Reġjonali.

25.4.3 Il-President semma li biex dawn il-ħaddiema ma jkunux iffinanzjati mill-allokazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għamlet talba lid-Diviżjoni biex tiġi kkunsidrata żieda fl-allokazzjoni li tingħata l-Assoċjazzjoni dan sabiex l-Assoċjazzjoni tkun tista tissussidja dan l-ammont tas-salarju tagħhom

**25.5 Ħaddiema Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

25.5.1 Il-President semma li fl-aħħar ftit jiem waħda mill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni kienet preżentat l-ittra tar-riżejna. Il-President semma li huwa laqa' l-ittra tar-riżenja peress li anki tul l-aħħar ftit ġimgħat beda jintwera nuqqas ta' entużjażmu lejn ix-xogħol mill-istess ħaddiema.

25.5.2 Il-President semma li huwa ippropona lill-ħaddiema sabiex il-leave li ma kinitx użat matul is-sena jiġi utilizat fil-perjodu tan-notice. Il-ħaddiema aċċettat u għaldaqstant id-data ta' terminazzjoni tal-impjig kienet nhar it-30 ta' Settembru 2019.

25.5.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva li għandu jibda l-proċess biex jiġu ingaġġati żewġ impjegati wieħed fuq Skala 11 u ieħor fuq Skala 13.

25.5.4 il-President talab lis-Segretarja sabiex jinbeda l-proċess biex jinfetħu l-postijiet vakanti.

**25.6 Proposta tal-Perit għall-żvilupp tal-Parkeġġ fil-Binja tal-AKL**

25.6.1 Il-President preżenta pjanta aġġornata hekk kif maħduma mill-Perit tal-Assoċjazzjoni. Il-President spjega li l-Perit qed jipproponi li qed jiġi propost li l-parkeġġ isir spazju miftuħ, fejn l-Assoċjazzjoni tkun tista' torganizza fih laqgħat, inizjattivi u anki attivitajiet oħra.

25.6.2 Is-Sur Jesmond Aquilina irrimarka li l-ispazju għall-parkeġġ huwa importanti li jibqa' mal-Binja.

25.6.3 Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-kunċett hekk kif propost. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkunsidra li tibda dan il-proġett għall-bidu tas-sena d-dieħla.

**25.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tal-Impjegata AKL**

25.7.1 Il-President preżenta l-Performance Appraisal tal-impjegata li rreżenjat mill-Assoċjazzjoni.

25.7.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sa. Graziella Galea, l-Eżekuttiv approva d-deċiżjoni tal-President.

**25.8 Laqgħa Plenarja Straordinarja AKL**

25.8.1 Il-President semma li qiegħda tiġi aġġornata l-Aġenda kif ukoll qed jinstabu l-kelliema li ser ikunu qed jippreżentaw il-ħames pilastri tal-Viżjoni tal-Assoċjazzjoni.

25.8.2 Il-President fakkar lill-Presidenti Reġjonali li l-ewwel sessjoni tal-Ġimgħa ser tkun ideddikata għall-ħidma li qed issir mill-Kunsilli Reġjonali.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

25.8.3 Il-President semma li t-tieni parti tal-Ġimgħa ser ikun qed jingħata taħriġ lil dawk preżenti.

25.8.4 Il-President semma li ser ikun qed jinħoloq set up ġdid ta' kif ser tkun qed tiġi preżentata din il-konferenza.

25.8.5 Il-President spjega li l-Viżjoni ser tippreżenta 4 pilastri; Ambjent Sostenibbli, Transport Sostenibbli, Smart Cities u Spazji Miftuħa

25.8.6 Il-President semma li din il-Viżjoni mhux ser tkiun biss preżentata biex wieħed iħalliha hemm imma qed jiġu skedati sensiela ta' dokumenti li jservu bħala polcies komplimentari mal-viżjoni. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv approva li għandu jkun hemm allokazzjoni finanzjarja biex jitħejjew dawn id-dokumenti.

25.8.7 Il-President semma li l-aħħar parti tas-Sibt wara nofsinhar ser ikun hemm preżentazzjoni mill-MEUSAC, fejn l-għan huwa li jgħatu tgħarif lill-Kunsilli Lokali kif jistgħu iġibu finanzjament mill-proġetti tal-EU sabiex jgħinu biex ikunu iffinanzjati inizjattivi maħruġa mill-viżjoni preżentata.

25.8.8 Il-President semma li għall-Plenarja ser ikunu mistiedna l-Ministri li b' xi mod għandhom x' jaqsmu mal-pilastri li ser ikunu qed jiġu preżentati kif ukoll l-Ex-Presidenti tal-Assoċjazzjoni.

25.8.9 Dr. Samuel Azzopardi issuġġerixxa li jkunu wkoll mistiedna Shadow Ministries li jirrappreżentaw ukoll id-dikasteri li kienu ser jiġu diskussi.

**25.9 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-MoU Business Disability Forum**

25.9.1 Il-President preżenta l-MoU lill-Eżekuttiv. Kopja tal-MoU tinsab annessa u mmarkata bħala Dok A.

25.9.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-ftehim hekk kif preżentat.

**25.10 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **25.10.1 Tokens lill-Membri Eletti u Ħaddiema fil-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li ser ikunu qed jinġabru xi kwotazzjonijiet sabiex isiru xi tokens għall-Milied. Fuq proposta tal-President approvata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel mal-proposta tal-President. |
| **25.10.2 Bus Shelters** | Il-President avża li l-kwistjoni ma' TM fuq il-Bus Shelters għada għaddejja. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Il-President semma l-Assoċjazzjoni irċeviet ittra ġudizzjara kif ukoll ittra mibgħutha mill-PCRB li lkoll għaddew għand l-avukat tal-Assoċjazzjoni sabiex jipprepara risposta f' dak ir-rigward.

| | |
|---|---|
| **25.10.3 National Well-being Conference** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kunsilli Lokali ġew mistiedna mill-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca għall-Konferenza nhar is-Sibt, 19 t' Ottubru 2019. |

25.10.4 Il-President talab li tiġi sospiża l-Aġenda sabiex tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti qabel iħallu l-laqgħa wħud mill-Membri

**25.11 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 25**

**25.11.1** Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Jesmond Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 t' Awwissu u s-26 ta' Settembru 2019 li kienet tammonta għall-€93,812.41.

25.11.2 Is-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Jesmond Aquilina talbu li jiġu skużati fis-18:50

**25.12 Titkompla l-Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **25.12.1 Proposta mir-Reġjun Ċentru għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Fondi tal-LESA** | Il-President ressaq il-proposta hekk kif preżentata mir-Reġjun Ċentru sabiex tiġi appovata mill-Eżekuttiv.<br>Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-proposta hekk kif preżentata. |
| **25.12.2 Proposta mir-Reġjun Nofsinhar għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Fondi tal-LESA** | Il-President ressaq il-proposta hekk kif preżentata mir-Reġjun Nofsinhar fejn ir-Reġjun talab sabiex tiġi appovata mill-Eżekuttiv sabiex tkun tista' tiġi iffinanzjata l-ispiża ta' Festa Nar 2020.<br>Il-Proposta ġiet approvata mill-Eżekuttiv bi tliet voti favur u żewġ astenzjonijiet. |
| **25.12.3 Leave Policy u Overtime Policy tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ifformulat leave u ovetime policies għall-ħaddiema. Dr. Samuel Azzopardi rrimarka li anki l-ewwel ftit siegħat tal-overtime għandu jkun kollu approvat bil-quddiem mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-President propona li d-dokumenti jiġu emendati kif propost.<br>Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva d-dokumenti. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**25.12.4 Laqgħa tal-ECAD**

Il-President semma li l-Board tal-ECAD iltaqa' Malta għal-laqgħa anwali. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni iffinanzjat l-ispiża, liema spiża ser tingħata rimborż għaliha mill-fondi tal-Awtorita' ta' Turiżmu.

**25.12.5 Proposti ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippreżenta dokument ta' proposti ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi. Il-President semma li f' dan l-istadju d-dokument preżentat għandu jinżamm peress li qed jiġi diskuss fil-laqgħat tal-Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi.

**25.12.6 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ mil-laqgħa.**

**25.12.7 Nefqa għall-taħriġ għall-Membri tal-Assoċjazzjoni**

Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva n-nefqa ta' mhux aktar minn €5,000 għal taħriġ għall-Membri tal-Assoċjazzjoni. Dan il-fond għandu jerġa' jiġi vvutat għas-sena 2020.

**25.13 Aġġornament**

25.13.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 21 t' Ottubru 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.27 li nżammet nhar il it-Tnejn, 18 ta' Novembru 2019.

**Mario Fava**
**President**